11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt


**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 72 – IT-TNEJN 20 TA' MEJJU 2024**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fit-3.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**72.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

72.1.1 Kien hemm ittra waħda ta' Kunsillier fejn talbet biex tiġi skużata minħabba mpenji ta' xogħol. *Nem cōn.*

**72.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

72.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (71) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

72.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.



dku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D. Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
nsillieri (Councillors): Bernice Farrugia, Emanuel Zammit, Godwin Catania

## 72.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

72.3.1 Ma kienx hemm.

## 72.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

72.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li matul dawn l-aħħar ġimgħat, l-attenzjoni massima kienet dwar l-attività kulturali Festa Fjuri biex nassiguraw li tilħaq il-livell mixtieq.

## 72.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

72.5.1 Ma kienx hemm.

## 72.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

72.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-27 ta' April u t-18 ta' Mejju 2024 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (27 April - 18 May 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 106 | 27/04/2024 | Ilment fuq ċint baxx fi Triq il-Wied fejn Gerada Bus Stop li hu ta' periklu għax hemm il-fond warajh. | pending | Triq il-Wied | COUNCIL |
| 107 | 27/04/2024 | Toroq bla dawl Triq S Erardi, Triq Muzika, Triq Citru u Triq C Bugeja | settled | Various | ENEMALTA |
| 108 | 27/04/024 | Ilment li reġa hemm l-imsiemer fil-parking bays ta' service road Dun Karm fejn tal-Lottu ( 3 time) | settled | Triq Dun Karm | COUNCIL |
| 109 | 29/04/2024 | Ilment li qed ikun hemm vetturi kummerċjali pparkjati fi Triq San Mikiel minn mindu il-JB illimita l-għoli tal-vetturi li jidħlu fil-parkeġġ | pending | Triq San Mikiel | COUNCIL |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 110 | 29/04/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu nru. L031/28 fi Triq Enrico Naudi | pending | Triq Enrico Naudi | **ENEMALTA** |
| 111 | 30/04/2024 | Talba biex issir CCTV fuq il-garaxx tagħha fi Triq G Abos | closed | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 112 | 02/05/2024 | Hemm bżonn kinsa fi Triq Ġ Pesci wara l-knisja | settled | Triq Ġ Pesci | **Cleansing** |
| 113 | 04/05/2024 | Talba biex isir refresh ta' Keep Clear u hemm xi ħofra 35, Triq Dott Pawlu Grech | settled | Triq Dott. Pawlu Grech | **COUNCIL** |
| 114 | 05/07/2024 | Triq G Abos bla dawl barra | settled | Tirq G ABos | **ENEMALTA** |
| 115 | 07/05/2024 | Ġrieden fi Triq Ġużè E Mercer | settled | Triq G E Mercer | **Pest Control** |
| 116 | 09/05/2024 | Talba biex isir xi bank fejn il-Berġa taħt il-loġoġ | pending | Pjazza Ninu Cremona | **COUNCIL** |
| 117 | 13/05/2024 | Toroq bla dawl Triq S Erardi, Triq Mużika, Triq iċ-Ċitru u Triq Ċ Bugeja | settled | Area of Triq il-Mużika | **ENEMALTA** |
| 118 | 13/05/2024 | Triq K Vassallo qegħdin jgħaddu bi speed eċċessiv u ġieli jitilgħu wrong way ukoll | Community Police | Triq K Vassallo | **Police** |
| 119 | 13/05/2024 | Talba biex tiġi iċċekkjata bozza ma 43, Triq G Curmi | pending | Triq G Curmi | **ENEMALTA** |
| 120 | 16/05/2024 | Tappiera ta' fejn stabbiliment tal-ikel u x-xorb Triq G Abos tfur | report 77096 Josette 08:40 | Triq G Abos | **WSC** |
| 121 | 16/05/2024 | Ilment ta' ilma ħiereġ mid-dripp ta' tisqija tar-roundabout ta' faċċata ta' stabbiliment tan-negozju | phoned | Triq Dun Karm | **GEB landscaping** |
| 122 | 18/05/2024 | Inkinset Triq Ġ Bonnici u l-borża ma ngabritx u issa inxterdet kollha | whatspp | Triq Ġ Bonnici | **Cleansing** |

## 72.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

72.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

72.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

72.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

72.7.4 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Servizz tat-tindif taż-żona rurali inkluż grass cutting mingħand il-fornitur Mifsud Landscaping Services għall-prezz ta' Eur1,480 VAT inkluż;

1. Il-Kunsill awtorizza l-ispejjeż kollha relatati mal-edizzjoni Festa Fjuri 2024 kif jidher hawn taħt:
2. Xiri ta' 7,000 xitla tal-petunia mingħand il-formitur Silvan Carabott għall-prezz ta' Eur5,782.00 VAT inkluż;
3. Kirja ta' gazebo u istallazzjoni ta' tapit mingħand il-fornitur A & S Signs and Events għall-prezz ta' Eur944.00 VAT inkluż;
4. Servizz ta' immaniġġjar tat-traffiku mingħand il-fornitur G4S Security Services għall-prezz ta' Eur424.80 VAT inkluż;
5. Servizz ta' immaniġġjar tat-traffiku mingħand il-fornitur Aġenzija LESA għall-prezz ta' Eur357.00 VAT inkluż;
6. Kiri ta' umbrellel u siġġijiet u mwejjed mingħand il-fornitur Silvio's għall-prezz ta' Eur660.80 VAT inkluż;
7. Kiri ta' mobile toilets mingħand il-fornitur Venscic Ltd għall-prezz ta' Eur306.80 VAT inkluż;
8. Servizz tal-Banda mill-Għaqda Mużikali San Pio X għall-prezz ta' Eur531.00 VAT inkluż;
9. Servizz ta' Risk Assessment mingħand il-fornitur Inline Management of Health/Safety għall-prezz ta' Eur324.50 VAT inkluż;
10. Servizz għal istallazzjoni artistika tal-infjorata mingħand Stephen Frank Bonello għall-prezz ta' Eur550.00 VAT inkluż;
11. Servizz tal-banda mingħand il-fornitur Spiteri Lucas Entertainment għall-prezz ta' Eur1,888.00 VAT inkluż;
12. Servizz ta' sound system & technician mingħand il-fornitur Audio Works għall-prezz ta' Eur590.00 VAT inkluż;

13. Kiri ta' Bouncy Castle mingħand il-fornitur Hiphip Hurray għall-prezz ta' Eur255.00 VAT inkluż;
14. Kirja tal-props mingħand Move for Trees għall-prezz ta' Eur200.00 VAT inkluż;
15. Stampar ta' banners kiri ta' outdoor trussing mingħand il-fornitur icreate għall-prezz ta' Eur2,796.60 VAT inkluż;
16. Kiri ta'(15) trellises migħand il-fornitur Malta Tourism Authority għall-prezz ta' Eur100.00 VAT inkluż;
17. Kiri ta' pjattaforma mingħand il-fornitur Audio System Malta għall-prezz ta' Eur407.10 VAT inkluż;
18. Servizz ta' fotografija mingħand il-fornitur Carl Farrugia għall-prezz ta 'Eur120.00 VAT inkluż;
19. Servizz ta' trasport mingħand il-fornitur Jason Formston Transport għall-prezz ta' Eur354.00 VAT inkluż;
20. Servizz ta' Ambulanza u First Aiders mingħand il-fornitur Mediforce Ambulance għall-prezz ta' Eur206.50 VAT inkluż;
21. Stampar ta' materjal pubbliċitarju mingħand il-fornitur Bonnici Press għall-prezz ta' Eur136.50 VAT inkluż;
22. Avviż fil-Ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern dwar sospensjoni tal-parkeġġ u t-traffiku għall-prezz ta' Eur10.00 VAT inkluż;
23. Istallazzjoni ta' tapit mingħand il-fornitur A & S Signs and Events għall-prezz ta' Eur118.00 VAT inkluż;
24. Deployment tal-Pulizija għal buon ordine mingħand il-fornitur Kummissarju tal-Pulizija għall-prezz ta' Eur421.26 VAT inkluż;
25. Servizz ta' IT/Facebook posts/artworks mingħand il-fornitur Claudio Micallef għall-prezz ta' Eur672.60 VAT inkluż;
26. Servizz ta' trasport mingħand il-fornitur Marlene Abela għall-prezz ta' Eur80.00 VAT inkluż;
27. Servizz ta' reklamar mingħand il-fornitur Content House għall-prezz ta' Eur590.00 VAT inkluż;
28. Servizz ta' content writer mingħand il-fornitur Edward Bonello għall-prezz ta' Eur141.60 VAT inkluż;

**72.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

72.8.1 Applikazzjoni PA 02793/24 – 145-150, Triq Ċensu Busuttil c/w Triq Ġużè Galea L-Iklin. 'Demolition of existing development.

Excavation of basement garages interlinked with PA3465/22, ground floor garages and 8 apartments at floors above, including 2 at receded floor level.

72.8.2 Applikazzjoni PA 06831/24 – Tal-Lira Investments Ltd – J.B. House, Iklin Road c/w Triq Lewis F. Mizzi & Stefano Erardi L-Iklin. 'Renewal to permit PA4652/15 – Renewal to permit PA3279/05 – (To demolish existing commercial structure and residential unit and substitute with retail premises.)

## 72.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-MAR 2024

72.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report Jan-Mar 2024.

72.9.2 L-Accountant tal-Kunsill ippreżenta l-Overview & Summary, Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position and Depreciation of Property, Plant and Equipment.

72.9.3 Id-dħul fl-ewwel tliet xhur tas-sena kien ta' Eur99,034.00 filwaqt li l-ħruġ tal-ispejjeż kien jammonta għal Eur87,756.00. Id-deprezzament fuq PPE kien ilaħħaq l-ammont ta' Eur7,435.00. L-allokazzjoni tal-Gvern kienet ta' Eur86,733.00. Dħul mill-permess kien jammonta għal Eur5,060.00. Dħul mill-LES kien jammonta għal Eur999.00 filwaqt li dħul ieħor iġġenerat mill-Community activities kien jammonta għal Eur6,242.00. Għall-ewwel kwart ta' din is-sena, is-salarji ammontaw għal Eur26,872 filwaqt li l-Operations & Maintenance kienu jammontaw għal Eur42,040. Spejjeż amministrattivi kienu jlaħħqu l-ammont ta' Eur11,409.

Ir-rapport finanzjarju jikkonkludi li l-financial permformance fl-ewwel kwart tas-sena jirriżulta f'surplus ta' Eur11,278 u l-FSI huwa 48%.

72.9.4 Imbagħad is-Sindku Dott Dorian Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

72.9.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex ikun approvat dan ir-rapport finanzjarju.

72.9.6 Il-vot għadda *nem con.*

**(Ara dok. E)**

**72.10 TWEĠIBA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI**

72.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta t-tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri tal-Gvern.

72.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-Ittra ta' Direzzjoni u l-Accountant wieġeb fuq kull punt.

72.10.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

72.10.4 Il-Kunsill approva *nem con.*

72.10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku Dott Sciberras iffirmaw l-Ittra ta' Direzzjoni biex tintbagħat kopja oriġinali lill-Uffiċċju tal-Uditur Ġenerali NAO, lill-Udituri tal-Gvern Grant Thornton, u lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**72.11 AĠĠORNAMENT DWAR FESTA FJURI 2024**

72.11.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti aġġornament dwar l-edizzjoni 'Festa Fjuri' 2024.

72.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ta l-aħħar żviluppi dwar l-edizzjoni Festa Fjuri 24 u qal li kollox jinsab lest u ippreparat biex din l-aħħar attività kulturali għal din il-leġiżlatura tkun waħda ta' suċċess.

72.11.3 Is-Sindku Dott. Sciberras min-naħa tiegħu irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-amministrazzjoni tal-Kunsill għall-ħidma kbira li saret biex din l-attività kulturali tkun għal darb'oħra suċċess.

## 72.12 PREŻENTAZZJONI TA' CONDITION REPORT DWAR L-ISTAT PERIKOLUŻ TA' ĦITAN FI TRIQ ANTON BUTTIGIEG

72.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Perit kien ħadem fuq il-Condition Report rigward periklu eżistenti fi Triq Anton Buttigieg fejn hemm siġra tal-ficus li ikkawżat ħsarat minħabba l-għeruq fil-paviment u fl-istekkat b'periklu imminenti li jċedi l-istekkat u jikkawża danni fuq terza proprjetà.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet ukoll rrimarkat dwar dan il-periklu u għaldaqstant kien importanti li l-Kunsill jindirizza din id-diffikultà u jsir intervent b'mod li nsalvaw is-siġra tal-ficus li għandha 'l fuq minn erbgħin sena. Fil-verità, lanqas biss kien għad twieldu l-Kunsilli Lokali però huwa doveruż li l-Kunsill ineħħi dan il-periklu għall-ġid komuni tal-lokalità.

72.12.2 Imbagħad kien ippreżentat il-Condition Report fejn il-Perit ħejja *repair work method statement* dwar kif għandu jsir l-intervent mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa biex tinqala s-siġra eżistenti.

72.12.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta wkoll BoQ imħejji mill-Perit għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni. *Nem con.*

72.12.3 Wara diskussjoni, is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill jista jagħmel użu minn MoU li ġie ffirmat riċentement bejn l-MITP u l-Kunsilli Lokali biex jitwettqu proġetti infrastrutturali.

## 72.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

72.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2024 fit-3.00 p.m.

72.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2024 fil-5.30 p.m.

72.13.3 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-7.20 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv